MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 525/2014/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 525/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**John's Group Limited (C11392); Power Plan Limited (C18322)**

**vs**

**George (KI 482865M) u martu Kathrine (KI 471800L)**

**Il-Qorti,**

## **I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta’ John’s Group Limited (C 11392) ipprezentat fl-4 ta’ April 2014.

Rat li l-intimati gew notifikati b’ kopja tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, bl-avviz, bir-rikors u bid-digriet fl-4 ta’ April 2014 kif jidher *a tergo* ta’ fol 2 tal-process.

Rat id-digriet tal-4 ta’ April 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti li jkollha ghaxart ijiem (10) zmien biex twiegeb. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri u appuntat il-Mandat ta’ Inibizzjoni ghall-24 ta’ April 2014.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Marzu 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr David Farrugia Sacco. L-intimati u d-difensur taghhom imsejha tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dr Farrugia Sacco qed jirriduci l-ammont mitlub fil-mandat ghal €300,000, u prezenta nota f'dan is-sens, u nforma lill-Qorti li ma sarx ftehim. L-intimati u d-difensur taghhom ma dehrux biex isostnu dak dikjarat fil-verbal tal-24 ta' April 2014. Xehed Raymond Farrugia, Direttur tas-

socjeta` rikorrenti, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet il-konferma ta' Raymond Farrugia ghas-socjeta` rikorrenti, bil-gurament, li l-kreditu pretiz kif illum ridott ghall-ammont ta' €300,000 ma giex saldat mill-intimati.

Il-Qorti rat l-atti u rat in-nota esebita llum stess mid-difensur tar-rikorrenti.

**DECIDE:**

Peress li jirrizultaw l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat ta' Inibizzjoni odjern skont il-ligi, il-Qorti qed tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inbizzjoni fl-ammont ridott ta' €300,000, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------